

— mhijiex sproporzjonata meta mqabbla ma' dan l-għan, li jimplika li l-metodi ta' applikazzjoni tagħha għandhom jirriżultaw minn proċedura trasparenti bbażata fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji u magħrufa minn qabel.

Huwa għall-qorti tar-rinvju li tistabbilixxi jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti.

(<sup>1</sup>) ĠU C 212, 2.9.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-11 ta' Diċembru 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato — l-Italja) — Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato vs Ente tabacchi italiani — ETI SpA, Philip Morris Products SA, Philip Morris Holland BV, Philip Morris GmbH, Philip Morris Products Inc. u Philip Morris International Management SA, u Philip Morris Products SA, Philip Morris Holland BV, Philip Morris GmbH, Philip Morris Products Inc. u Philip Morris International Management SA vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, Ente tabacchi italiani — ETI SpA, u Philip Morris Products SA, Philip Morris Holland BV, Philip Morris GmbH, Philip Morris Products Inc. u Philip Morris International Management SA vs Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, Amministrazione autonoma dei monopoli di Stato, Ente tabacchi italiani — ETI SpA**

(Kawża C-280/06) (<sup>1</sup>)

(Kompetizzjoni — Impożizzjoni ta' sanzjonijiet fil-każ ta' suċċessjoni ta' impriżi — Prinċipju ta' responsabbiltà personali — Entitajiet suġġetti għall-istess awtorità pubblika — Dritt nazzjonali li jikkwalifika bħala sors ta' interpretazzjoni d-dritt Komunitarju tal-Kompetizzjoni — Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2008/C 51/27)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

## Qorti tar-rinvju

Consiglio di Stato

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

Konvenuti: Ente tabacchi italiani — ETI SpA, Philip Morris Products SA, Philip Morris Holland BV, Philip Morris GmbH, Philip Morris Products Inc., Philip Morris International Management SA

Rikorrenti: Philip Morris Products SA, Philip Morris Holland BV, Philip Morris GmbH, Philip Morris Products Inc. u Philip Morris International Management SA

Konvenuti: Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, Ente tabacchi italiani — ETI SpA

Rikorrenti: Philip Morris Products SA, Philip Morris Holland BV, Philip Morris GmbH, Philip Morris Products Inc. u Philip Morris International Management SA

Konvenuti: Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, Amministrazione autonoma dei monopoli di Stato, Ente tabacchi italiani — ETI SpA

## Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Consiglio di Stato — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 81 KE — Akkordju fuq il-prezz ta' bejħi tas-sigaretti bi ksur tal-liġi antitrust nazzjonali — Imputazzjoni lill-persuna ġuridika, li hija s-suċċessur ekonomiku ta' impiżi, tar-responsabbiltà għall-ksur imwettaq mill-impiżi qabel ma t-tmexxija tagħha għaddiet lis-suċċessur.

## Dispożittiv

L-Artikoli 81 KE et seq għandhom jiġu interpretati fis-sens illi, fil-każ ta' entitajiet suġġetti għall-istess awtorità pubblika, meta komportament li jikkostitwixxi l-istess ksur għar-regoli tal-kompetizzjoni kien implementat minn entità u wara komplut sat-tmien tiegħu minn entità oħra li ssuċċediet lill-ewwel waħda, li ma waqfitx teżisti, din it-tieni entità tista' tiġi ssanzjonata għall-ksur fl-intier tiegħu jekk huwa stabilist li dawn iż-żewġ entitajiet kieni suġġetti għall-imsemmija awtorità.

(<sup>1</sup>) ĠU C 224, 16.9.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-18 ta' Diċembru 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Bundesfinanzhof — il-Ġermanja) — Hans Dieter Jundt, Hedwig Jundt vs Finanzamt Offenburg**

(Kawża C-281/06) (<sup>1</sup>)

(Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Attività ta' tagħlim fuq bażi part time — Kunċett ta' “ħlas” — Allowances għal spejjeż jeż-żprofessionali — Leġiżlazzjoni dwar eżenzjoni mit-taxxa — Kundizzjonijiet — Ħlas mogħti minn università nazzjonali)

(2008/C 51/28)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinvju

Bundesfinanzhof

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Hans-Dieter Jundt, Hedwig Jundt

Konvenut: Finanzamt Offenburg